DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Mejju 2009

dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2013

(2009/401/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019 [1],

Wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bord tal-Għażla ta' Settembru u ta' Ottubru 2008 rigward il-proċess tal-għażla tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura fi Franza u s-Slovakkja rispettivament u l-opinjoni maħruġa mill-Parlament Ewropew,

Filwaqt li qies li l-kriterji msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1622/2006/KE ġew sodisfatti għal kollox,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' April 2009,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Marsilja (Franza) u Košice (is-Slovakkja) huma nnominati bħala "Kapitali Ewropej tal-Kultura 2013".

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Mejju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

M. KOPICOVÁ

[1] ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.